**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 16 ta' April 2018**

**Rikors Numru 74/2017**

**Joe Cassar**
**vs**
**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Joe Cassar** fit-28 ta' Dicembru 2018 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"Illi l-esponent ilu izjed minn erbghin (40) sena jahdem bhala taxi driver fil-qasam turistiku;*

*Illi huwa irceva ittra minn Transport Malta datata 13 ta` Novembru 2017, fejn Sylvana Bartolo (Deputy Chief Officer) fl-istess Awtorita imsemmija, informat lil esponent illi minhabba sentenza moghtija nhar it-12 ta` April 2016, mill-Qorti tal-Magistrati ta` Malta bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, (vera kopja legali hawn annessa u immarkata bhala Dok JC 1), it-tag necessarja ghal xoghol ta` xufier mahruga mill-istess Awtorita ghat Trasport f'Malta giet irrifjutata u b'hekk ma kienitx ser tiggeddidlu lil esponent;*

*Illi fl-istess ittra l-esponent kien mistieden jibghat ir-ragunijiet tieghu ghaliex din id-decizjoni ma kelliex tittiehed, u inghata ghaxart ijiem cans sabiex jwiegeb (kopja tal-ittra annessa u immarkata bhala Dok JC 2)*

*Illi fil-fatt l-esponent wiegeb lil Transport Malta billi kiteb ittra kopja taghha annessa u immarkata bhala Dok JC 3, fejn spjega il-ghala wehel mitt (100) euro, filwaqt li gie illiberat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u dan stante illi ghadda minn fuq traffic lights meta d-dawl kien amber, izda sabiex it-turisti passiggieri ma jitilfux il-flight taghhom stante li kienu gia tardivi fit-tluq taghhom mill-lukanda;*

*Illi l-istess vjegg kien wiehed twil u fl-aqwa tat-traffiku, kif spejagat fl-ittra tal-esponent, fejn fis-13:30 mix-Xemxija ghal ajruport Gudja, kellu jghaddi minn nhawi traffikuzi. Dan mhux*

*biex jiggustifika li jibqa ghaddej meta d-dawl jkun amber, izda certament fic-cirkostanzi, ma jixraqx illi l-esponent jitlef hobzu sempliciment ghax wehel izjed minn sena ilu mitt euro!*

*Illi ir-Regolament 11A (1) tal-legislazzjoni Sussidjarja 499.59, jipprovdu illi:*

*11A. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta` reputazzjoni u kondotta tajba kif mehtieg that ir-regolamenti11-(a) jekk hi tkun nstabet hatja ta xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali jew l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A,204B, 204C, 205, 211, 212, 213, 217,218, 220, 238(a), 245, 248C, 248D, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*Illi certament b'hekk id-decizjoni tat-Transport Malta illi ma iggeddidtx it-tag tal-esponent hija wahda drastika u li teccedi kull spettanza stante illi din ittiehdet fuq ammenda ta` 100 euro mposta mill-Qorti tal-Magistrati seduta traffiku;*

*Sussidjarjament, u minghajr pregudizzju, ghas-suespost, dan il-kaz ghandu jigi trattat ukoll mill-aspett umanitarju, fejn l-eghjxien tal-esponent qed jigi mhedded drastikament fuq ammenda ta` mitt euro mhallsa gia u li tirreferi ghal izjed minn sena u nofs ilu;*

*Illi ghalhekk dan l-Onorabbli Tribunal ghandu jhassar l-imsemmija decizjoni, tat-Transport Malta datata 27 ta` Novembru 2017 (kopja annessa u immarkata Dok JC 4), u ghaldaqstant ma jisspospendiex il-licenzja (tag), tal-esponent bhala xufier ta` taxi;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal:*

1. *Jiddikkjara illi d-decizjoni tat-Transport Malta datata 27 ta` Novembru 2017 hija zbaljata u ngusta, u ghalhekk tali decizjoni ghandha tigi mhassra u revokata u dana ghar-ragunijiet hawn fuq indikati;*

2. *Jordna lil intimata Awtorita ghat Trasport f' Malta ma tirrevokhax il-licenzja bhala xufier ta` taxi lil esponent;*

3. *Jordna kull provvediment iehor illi dan l-Onorabbli Tribunal jidirlu xieraq u opportun fic- cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` intimata**ipprezentata fl-4 ta' Lulju 2016 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

Ra d-dokumenti ipprezentati;

Sema' x-xhieda tar-rikorrent u ta' Sylvana Bartolo;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Novembru 2017 li permezz taghha gie mgharraf illi l-istess Awtorita` ma kinitx se ggeddidlu t-*tag* ta' xufier peress li kien gie misjub hati permezz ta' sentenza datata 12 ta' April 2016 dwar reati li ghandhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali.

Jirrizulta illi fit-12 ta' April 2016 ir-rikorrent kien gie akkuzat b'sewqan perioluz, bla kont u traskurat u wkoll illi meta kien riesaq lejn sinjali tad-dawl tat-traffiku naqas li jnaqqas il-velocita` u jieqaf meta d-dawl kien *amber* jew ahmar. Fil-fatt ir-rikorrent gie misjub hati ta' sewqan traskurat u li ma waqafx fuq is-sinjali tat-traffiku meta d-dawl tal-istess sinjali kien *amber*.

Illi **r-rikorrent** spjega illi l-fatti li wasslu ghall-akkuzi msemmija iktar 'il fuq kienu illi huwa kellu xi turisti biex imorru jaqbdu titjira mill-Ajruport. Jispjega illi huwa gabarhom mil-lukanda fis-1.45 pm pero` iltaqa' ma hafna *traffic* tant li fl-3.45pm kien ghadu l-Marsa. Jispjega li t-turisti riedu jaqbdu titjira li kienet se titlaq fl-4.00pm u ghalhekk bdew jippanikjaw li se jitilfu t-titjira. Kien ghalhekk li meta wasal hdejn is-sinjali tat-traffiku ta' Triq Garibaldi baqa' ghaddej minn fuq il-kulur *amber*.

**Sylvana Bartolo,** *Deputy Chief Officer* fi hdan l-Awtorita` intimata, spjegat illi ladarba r-rikorrent instab hati ta' reat kontra r-regolamenti tat-traffiku allura l-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 ma tippermettix lill-istess Awtorita` iggedded il-permess ta' xufier ta' vettura *chauffeur driven* li applika ghalih ir-rikorrent.

**Ikkunsidra:**

Illi ai termini tal-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 (Regolamenti Dwar Servizzi tat-*Taxi)* persuna li tapplika għal permess ta' xufier ta' taxi għandha tissodisfa lill-Awtorità intimata li hi għandha reputazzjoni u kondotta tajba. Illi ai termini tar-Regolament 11A (1) tal-imsemmija Legislazzjoni Sussidjarja, persuna ma titqiesx li hija ta' reputazzjoni u kondotta tajba:

*" (a) jekk hi tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikoli 198, 199, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 213, 217, 218, 220, 238(a), 245, 248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar;*

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) sena fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar iżda li ma jkunux aktar minn sena;*

*(ii) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena iżda li tkun inqas minn għaxar snin; u*
*(iii) għaxar snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' għaxar snin jew aktar;*

*(d) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara ż-żmien li tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar, minbarra pieni li tkun ingħatat fir-rigward ta' dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) daqs iż-żmien ta' priġunerija li għalih persuna bħal dik tkun ġiet ikkundannata piena ta' priġunerija ta' inqas minn ħames snin; u*
*(ii) ħames snin fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' ħames snin jew aktar;*

*(e) għal perjodu ta' żmien li jkun daqs dak tal-piena ta' priġunerija mogħtija, meta l-Qorti tista' tordna li sentenza bħal dik m'għandhiex tibda sseħħ skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, liema perjodu għandu jibda jgħodd mid-data ta' meta tkun ingħatat is-sentenza;*

*(f) għal perjodu ta' sena minn meta tkun ġiet imposta multa jew multi li flimkien ikunu jammontaw għal mhux inqas minn erbat elef euro (€4,000) imposti fit-tnax-il xahar ta' qabel fuq persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza jew għal reat jew reati skont l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, l-Att, l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jew reat jew reati skont kull regolament li jsir taħthom;*

*(g) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta."*

Illi pero` biex persuna tkun tista' tahdem bhala xufier ta' vettura *chauffeur driven* irid ukoll ikollha dik li hi maghrufa bhala t-*tag* ta' identifikazzjoni. Ai termini talr-Regolament 130A (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 (Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur) l-imsemmija *tag* tinhareg mill-Awtorita` intimata jekk l-applikant ikollu kondotta tajba. Ai termini tar-Regolament 130A (4) persuna ma tkunx meqjusa li hi ta' kondotta tajba jekk:
*"(a) tkun instabet hatja, matul l-ahhar hames snin, ta' reat li tista' tehel piena dwaru ta' zmien ta' prigunerija ta' tliet xhur jew aktar jew multa ta' mill-inqas erba' mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin `entezmu (€465.87),*
*(b)* ***tkun instabet hatja, matul l-ahhar sentejn, ta' reati li jkollhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali."***

Illi kien proprju minhabba f'hekk li l-Awtorita` intimata ma geddidtx it-*tag* tar-rikorrent u cioe` ghaliex l-imputazzjonijiet li nstab hati taghhom ir-rikorrent kellhom x'jaqsmu mat-traffiku jew mar-regolamenti tat-trasport stradali.

Illi dan it-Tribunal huwa perpless kif l-oneru ta' kondotta tajba huwa differenti fil-kaz fejn wiehed japplika ghal permess ta' xufier u mbaghad meta jigi biex igedded it-*tag* isib li hemm oneru differenti u wisq iktar oneruz fuqu. Illi jirrizulta illi bis-sentenza li r-rikorrent inghata fit-12 ta' April 2016 huwa seta'

japplika ghal permess ta’ xufier taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 499.59 pero` jekk huwa irid igedded it-*tag* ma jistghax ghax is-subinciz (b) tar-Regolament 130A (4) jistipula illi jekk matul l-ahhar sentejn applikant ikun instab hati ta’ reat li ghandu x’jaqsam mat-traffiku jew mar-regolamenti dwar it-trasport stradali ma jitqiesx li hu ta’ kondotta tajba, bil-konsegwenza li tali *tag* ma tiggeddix. Dan ifisser li prattikament ir-rikorrent ma jistghax jibqa’ jahdem bhala xufier tat-taxi ghal perjodu ta’ sentejn mid-data tas-sentenza kriminali.

Illi t-Tribunal jifhem li r-rikorrent ilu jahdem ghomru fix-xoghol tat-trasport tal-passiggieri u li dan ix-xoghol huwa hobzu. Madankollu, minkejja dak li gie sottomess hawn fuq, dan it-Tribunal ma jistghax jillegisla hu jew b’xi mod jikkontorta d-dicitura tal-ligi. Huwa veru dak li qal id-difensur tar-rikorrent, u cioe`, illi dawn huma Qrati tal-Gustizzja, pero` l-gustizzja trid issir fil-parametri li tiddetta l-istess ligi. Filwaqt li dan it-Tribunal wera l-hsibijiet tieghu, u dan ghamlu anke f’sentenzi precedenti, ma jistghax arbitrarjament jaqbad u jiddeciedi fuq bazi umanitarja jew ta’ empatija. Kieku kien hekk allura tkun qieghda tigi imminata serjament l-oggettivita tal-Qrati u tat-Tribunali. **Pero` dan mhux se jwaqqaf lil dan it-Tribunal milli jirrakomanda bil-qawwa kollha li din is-sitwazzjoni tigi rimedjata u ghal dan il-ghan qieghed jordna notifika ta’ din is-sentenza lill-Ministru koncernat.**

Illi, kif diga ghamel f’sentenzi precedenti, it-Tribunal josserva wkoll illi m’hemm l-ebda bilanc bejn is-subinciz (a) u (b) tar-Regolament 130A (4) ghax filwaqt li s-subinciz (a) jitkellem fuq piena minima ta’ tlett xhur prigunerija jew multa minima ta’ erba’ mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87), wiehed jista’ jkun in kontravvenzjoni ta’ subinciz (b) anke jekk perezempju ma jkollux liċenza mwaħħla mal-*windscreen,* li ggorr piena ta’ ammenda ta’ tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.39).[1] B’hekk jidher car li hemm diskrepanza kbira bejn sub-regolament u iehor li abbazi tieghu l-Awtorita` tista’ tichad it-tigdid tat-*tag*.

Illi madankollu dan it-Tribunal ma jistghax jiccensura d-decizjoni tal-Awtorita` intimata ghaliex ir-reati li taghhom gie misjub hati r-rikorrenti huma fil-fatt reati kontra r-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur u kontra l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku.

Ghaldaqstant, in vista li fl-opinjoni ta’ dan it-Tribunal, l-Awtorita` intimata applikat dak li tiddetta l-ligi b’mod oggettiv, bl-ebda mod ma jista’ jinghad li d-decizjoni taghha kienet wahda mhux ritwali.

[1] Ara Tieni Skeda tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta (Ordinanza Dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku)

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**

Komunika: Onorevoli Ministru Ian Borg
Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura
Triq Francesco Buonamici,
Floriana